MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tad-19 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 20/2013

**Kevin Vella**

**Vs**

**Kevin Camilleri u Jeanette Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fil-25 ta' Gunju, 2013** u li permezz taghha talab lill-intimati jhallasuh is-somma ta' hames mija sebgha u hamsin euro [€557] u dan wara li ppremetta hekk:

"Illi l-attur esegwixxa xoghol ta' stallazzjoni elettrika go proprjetà tal-konvenuti fi Triq Ghajn Mhelel, Zebbug, Ghawdex, ghal liema xoghol l-konvenuti ghandhom ihallsu lill-attur is-somma ta' hames mija u sebgha u hamsin euro (€557).

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex ma ghandhomx jiġu ikkundannati jhallsu lill-attur is-somma ta' €557, kif fuq dovuti.

Bl-imghax skond il-ligi.

Bl-ispejjes kollha nklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' April 2013.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni"

Ra **r-risposta tal-intimata** minnha mressqa fit-30 ta' Lulju, 2013 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"Illi huwa minnhu illi Kevin Vella ghamel ix-xogholijiet kif spjega fl-avviz tieghu liema xoghol però fir-rigward tal-ammont ta' flus li qed jitlob ghal dan ix-xoghol l-esponenti ma ghandhiex konoxxenza stante illi dawn il-kontijiet dejjem intbaghtu lil Kevin Camilleri u ghalhekk in kwantu rigwardanti l-esponenti din it-talba hija intempestiva;

Illi in oltre l-ittra uffiċjali ta' April 2013 ma intbaghtitx lilha iżda ntbaghtet lil konvenut wahdu.

Illi din id-dar ġiet trasferita fl-intier lil istess konvenut liema konvenut Kevin Camilleri kien hallas sehem Janette Camilleri mil-istess fond lil Janette Camilleri fejn it-tnejn kienu saldaw il-pretensjonijiet kollha ta' bejniethom, u Kevin Camilleri kien sar sid esklussiv tad-dar, bid-drittijiet u l-obbligi kollha li huma konnessi mal-istess trasferiment. Dak inhar hija kienet tal-fehma illi ma kienx hemm kontijiet pendenti fir-rigward ta' xogholijiet li saru fid-dar u dan kif jidher mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati dok A u dok B.

Ghalhekk jidher car illi kwalunkwe spejjez pendenti relatati mal-post kellu jbaghtihom il-konvenut Kevin Camilleri wahdu u ghaldaqstant il-konvenuta ghandha tiġi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt”.

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fl-20 ta’ Settembru, 2013 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

“i. Illi l-azzjoni odjerna hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2148(a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

ii. Illi minghajr preġudizzju ghal premess kienet l-istess konvenuta Jeanette Camilleri li qabbdet lil attur biex jaghmel dan ix-xoghol peress li l-attur huwa miżżewweġ lil oht il-konvenuta. Il-meter tad-dawl kien u ghadu fuq isem l-konvenuta (Dok. A). Infatti ghalkemm l-attur ma riedx hlas ghax-xoghol li ghamel, l-esponenti xorta ghadda s-somma ta’ mitejn ewro (€200) lil konvenuta biex tghaddijhom lil attur.

iii. Illi stranament kien biss wara li gie ppublikat il-kuntratt ta’ bejgh bejn il-konvenuti, li l-attur beda jippretendi li l-konvenut ihallsu sebghin ewro (€70) ohra. Infatti l-ittra uffiċjali bin-numru 43/2012 intbaghtet biss lil esponenti;

iv. Illi minghajr preġudizzju ghal premess l-esponenti qieghed jafferma li l-ebda ammont ma huwa dovut u fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub huwa esaġerat. Biss biss il-materjal xtrah kollhu l-konvenut u l-attur dam biss jumejn jahdem fil-proprjeta tal-konvenuti;

v. Illi fi kwalunkwe kaz ukoll, kwalunkwe ammont li jista talvolta jiġi likwidat minn dan it-tribunal ghandu jithallas nofs bin-nofs bejn il-partijiet u dana wara li jittiehed in konsiderazzjoni li l-konvenut kien ghamel pagament ta’ mitejn ewro (€200) lil attur ghal dan ix-xoghol.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt”.

Ra d-digriet datat 24 ta’ Settembru, 2013 fejn il-Gudikatur Dottor Kevin Mompalao astjena milli jisma dan il-kaz u dan minhabba raġunijiet validi fil-ligi.

Ra l-verbal datat 10 ta' Jannar, 2014 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Sema' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din il-kawza, r-rikorrenti qieghed jitlob il-hlas ta' €557, ammont dovut lilu ghal xoghol ta' installazzjoni tal-elettriku go proprjeta tal-konvenuti. L-intimati taw diversi eccezzjonijiet ghal din it-talba tieghu. L-intimata Jeanette Camilleri stqarret li taqbel li r-rikorrenti ghamel xogholijiet fil-fond imsemmi izda hi ma kienet taf xejn dwar kontijiet 'l ghaliex dawn dejjem intbaghtu lill-intimat l-iehor u allura t-talba fil-konfront taghha hija ntempestiva. Qalet ukoll li d-dar giet ittrasferita lill-intimat u ghalhekk huwa kien sar is-sid uniku taghha bid-drittijiet u l-obbligi kollha li huma konessi ma' dan it-trasferiment. Hija tghid li ma' dan it-trasferiment il-partijiet kienu ssaldaw il-pretensjonijiet kollha taghhom fil-konfront ta' xulxin. Ghalhekk hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u l-ammont reklamat ghandu jithallas fl-intier tieghu mill-intimat l-iehor. L-intimat Kevin Camilleri da parti tieghu qal li l-azzjoni odjerna hija perenta a tenur ta' l-artikolu 2148(a) tal-kap. 16. Apparti minn hekk, huwa qal li kienet l-intimata li kienet inkarigat lir-rikorrenti u allura hi kienet responsabbli ghal hlas ta' l-ammont reklamat. Qal ukoll li l-ammont huwa wiehed esagerat u li l-materjal kien xtrah l-istess intimat filwaqt li r-rikorrenti kull ma ghamel kienu jumejn xoghol. Finalment qal li kwalunkwe ammont li talvolta jigi likwidat minn dan it-Tribunal ghandu jigi spartit b'mod ugwali bejn il-partijiet wara li jittiehed in konsiderazzjoni l-fatt li huwa kien hallas is-somma ta' €200 lir-rikorrenti ghax-xoghol in kwistjoni.

Ikkunsidra;

2. **Ir-rikorrenti Kevin Vella** xehed fis-seduta tat-22 ta' Novembru, 2013. Beda biex qal li jaghmel xoghol part-time ta' electrician u ghandu liċenzja tat-tip A. Qal li l-

intimata Janette Camilleri tiġi oht il-mara tieghu u li huwa kien ghadda d-dawl fil-post li l-intimati kienu xtraw ġewwa Triq Ghajn Melel, Zebbug. Ix-xoghol li huwa ghamel kien fil-garaxx tal-partijiet u kien beda ukoll "*... xi dawl fl-appartament taghhom*" (fol. 50). Ir-rikorrenti esebixxa fattura datata 15 ta' Jannar, 2012 (fol. 56) indirizzata lill-intimat Kevin Camilleri u fiha hemm indikat "*... l-materjal li jien uzajt fil-post kif ukoll ix-xoghol ta' ideja li ghamilt*" (fol. 50). L-ammont li huwa qieghed jitlob, skond din il-fattura huwa ta' €557. Huwa qal li l-intimati ma baqghux flimkien ghal habta ta' Dicembru, 2011 filwaqt li l-ahhar ġurnata xoghol li huwa ghamel fil-post taghhom kienet fil-5 ta' Novembru, 2011. Ghal bidu ta' Jannar, 2012, ir-rikorrenti qal li l-intimat kien cempillu u talbu sabiex ikompli jaghmillu x-xoghol tad-dawl u dan peress li huwa kien sejjer iżżomm il-post fejn kienu qeghdin isiru x-xogholijiet. Mistoqsi mit-Tribunal minn kien inkarigah sabiex jaghmel ix-xogholijiet tad-dawl fil-post ġewwa z-Zebbug, ir-rikorrenti wieġeb li "*... kienu l-intimati t-tnejn li huma li kienu qabbduni*" (fol. 50). Qal li huwa ma kienx temm ix-xoghol kollu li kellhu jaghmel meta waqaf jahdem fil-5 ta' Novembru, 2011. Ghar-rigward tal-hlas, ir-rikorrenti qal li huwa kien ftiehem ma l-intimati li huwa kien ser jithallas bis-siegha. Mistoqsi l-ghala ma kienx baghat ittra uffiċjali kontra l-intimata, r-rikorrenti qal li dan ghamlu ghax assuma "*... li gia la darba l-post hadu l-intimat Kevin Camilleri allura kellu jaghmel tajjeb ghalih hu*" (fol. 50). Meta imbaghad ir-rikorrenti beda jitlob il-hlas minghand l-intimat, huwa gie infurmat minnu li hu "*... kien diġà hallas hafna flus lill-intimata Jeanette Camilleri u ghalhekk ma kellux x'jaqsam mal-kumplament tal-kont tieghi*" (fol. 50-51).

In kontro-ezami, ir-rikorrenti qal li "*il-materjal li hemm indikat fl-ewwel parti tal-invoice immarkata bhala dok KV 1 xtrawh l-intimati*" (fol. 51). L-uniku materjal li huwa xtara, jkompli jghid ir-rikorrenti, "*... kien il-wire tas-6mm u fil-fatt jien hdejn din l-item tlabt il-hlas ta' €72*" (fol. 51). Izid ighid li talli mela l-applikazzjoni ghal meter tad-dawl, huwa talab il-hlas tas-somma ta' €50. Mistoqsi minn miz-zewg partijiet kien jghidlu fejn irid jaghmel il-plakek u l-light fittings, ir-rikorrenti qal li "*... kienu z-zewg intimati*" (fol. 51). Huwa

ukoll ghamel autocad tal-post u dan sabiex il-partijiet ikunu jistghu jaraw fejn kienet ser tiġi l-ghamara sabiex imbaghad ikunu jistghu jaghmlu l-plakek u l-*light fittings* skond kif kienet ser tiġi din l-ghamara. Mistoqsi jekk kienx ikun hemm xi hadd jghinu waqt li kien qieghed jghaddi d-dawl, ir-rikorrenti wieġeb fl-affermattiv u qal li ġieli kien hemm l-intimat, ġieli kien ikun hemm huh u ġieli kien ikun hemm missier l-intimata. Sussegwentement, huwa qal li l-intimat kien ikun dejjem preżenti meta hu kien ikun qieghed fil-fond tal-intimati jaghmel ix-xoghol tad-dawl. Ghar-rigward tal-wire tas-6mm u l-ammont ta' €72, ir-rikorrenti qal li dan il-wire huwa jixtrih bhala coil. Dan il-coil ikun fih mitt (100) metru u biex ghamel il-wiring tal-fond de quo, kien hemm bżonn tletin (30) metru. Ghalhekk ma kienx *worth it* li l-intimati jixtru dan il-coil. Ghalhekk, ikompli jghid ir-rikorrenti, huwa ma ghandux riċevuta ghal dan il-coil li intuża fil-fond ta' l-intimati l-ghaliex huwa uza coil minn tieghu. Mistoqsi jekk kienx ghamel *trenching works* fil-fond de quo, ir-rikorrenti qal li huwa kien ghamel biss parti minn dawn ix-xogholijiet. Il-kumplament kienu ghamluh l-intimat u missier l-intimata. Fl-ammont mitlub hemm biss dawk it-*trenching works* li huwa kien ghamel. Ghar-rigward tal-garaxx, ir-rikorrenti qal li dan fih id-dawl komplut filwaqt li ghar-rigward tal-appartament, dan huwa nofsu lest. Ikompli jghid li fadal ovvjament in-nofs l-iehor. Jerga jirribadixxi li huwa qieghed jitlob il-hlas ghal dak li ghamel u xejn aktar.

3. **Joseph Camilleri**, missier l-intimata, xehed ukoll fis-seduta tat-22 ta' Novembru, 2013. Huwa qal li ix-xoghol tad-dawl kien tlesta kollu fil-garaxx, filwaqt li fil-flat de quo, kien sar parti minnu. Mistoqsi mit-Tribunal x'kien id-diskors dwar il-hlasijiet fuq ix-xoghol ta' l-elettriku li kellu jaghmel ir-rikorrenti, huwa qal li "*... d-diskors li kien isir quddiemi kien li binti Jeanette Camilleri u l-gharus taghha Kevin Camilleri kellhom ihallsu ghal dawn ix-xogholijiet*" (fol. 53). Mistoqsi jekk kienx sar xi diskors quddiemu fis-sens li r-rikorrenti ma kienx ser iżomm flejjes ta' idejh ghax-xoghol li kien ser jaghmel u dan peress li huwa kien miżżewweġ lil oht l-intimata, x-xhud wieġeb fn-negattiv.

4. **L-intimata** xehdet u qalet li "*... meta jien u l-intimat gejn biex naqsmu dak li kellna komuni bejnietna l-kont tad-dawl tar-rikorrenti ma semmejniehx*" (fol. 54). Tghid li "*dan peress li qatt ma rcevejna kopja ta' dan il-kont u anke x-xoghol kien ghadu ghadejj*" (fol. 54). Tistqarr illi kieku kienet taf b'dan il-kont hija kienet tiftiehem fl-iskrittura li hemm esebita a fol. 22 tal-process. Din l-iskrittura li hija datata 26 ta' Frar, 2013 saret bejn l-intimati. L-ezercizzju li sar sabiex huma waslu ghal figuri msemmija f'din l-iskrittura, tkompli tghid l-intimata, kien wiehed metikoluz hafna u ghalhekk, kieku dan l-ammont kien maghruf dak iz-zmien, kien jidhol f'dan il-ftehim. Qalet li "*... jien m'ghandi naghti l-ebda ammont ghal xoghol li ghamel ir-rikorrenti peress li mhux se ngawdi minnu. Lanqas ma nista niehu parti minnu ghax dan huwa xoghol ta' dawl*" (fol. 54). Ghar-rigward tal-hlasijiet, l-intimata qalet li meta tkellmu fuq dan is-suggett, "*... dawn kellhom ikunu normali bhal tal-electricians*" (fol. 54).

5. **L-intimat** xehed fis-seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2014. Huwa qal li kellu relazzjoni ma' l-intimata, liema relazzjoni intemmet fl-elfejn u hdax (2011). Meta xtara dan il-fond, ikompli jghid l-intimat, missier l-intimata kien staqsieh lil minn kien ser jinkariga sabiex jaghmel ix-xogholijiet tad-dawl u huwa kien semmielu lil Sammy Camilleri miz-Zebbug. Missier l-intimata kien issuggerielu lir-rikorrenti ghal dan ix-xoghol u huwa qabel ma dan is-suggeriment. Sussegwentement, huwa u l-intimata kienu nkarigaw lir-rikorrenti sabiex jaghmlilhom is-sistema tad-dawl tal-post li kienu ghadhom kif xtraw. Ghar-rigward ta' hlasijiet, l-intimat qal li ftehim dwar il-hlas ma kienx hemm però qabel li kellu jsir xi hlas lir-rikorrenti. Qal li huwa xtara hafna mill-affarijiet li ntużaw fil-fond de quo mir-rikorrenti bhal trunking u wiring. L-intimat ghadda biex esebixxa tlett dokumenti (KC 1, KC 2 u KC 3) li juru l-affarijiet kollha li huwa xtara f'dan ir-rigward. Ix-xoghol beda f'Mejju, 2011. Ghar-rigward tal-hajt biex jghaddi l-pipe tal-*conduit* tqatta mill-intimat u minn missier l-intimata. L-intimat ghadda biex esebixxa diversi ritratti li juru l-ambjenti de quo. Ix-xoghol sar f'zewg sibtijiet (cioe jumejn) u dan peress li r-rikorrenti kien ikun xoghol fost il-gimgha. Kompla jghid li fil-15 ta' Gunju elfejn u hdax (2011) huwa kien wehhel il-

bieb tal-garaxx u ha d-dawl minghand il-garr tieghu. (ara dok KC10). L-arlogg tad-dawl, ikompli jghid l-intimat, twahhal fil-21 ta' Awwissu, 2011.

L-intimat żied ighid li x'hin tlesta x-xoghol tal-garaxx huwa talab lir-rikorrenti sabiex jaghmillu l-kont. Skond l-intimat, ir-rikorrenti qallu "*mbaghad naraw*". F' Awwissu, 2011 l-intimat kien gab lil Sammy Camilleri, dak li kien ser iqabbad l-ewwel darba u dan sabiex jaghtih stima tax-xoghol li kien sar fl-appartament li xtara hu. Skond l-intimat, dan Camilleri kien qallu li "*presso o poco bhala valur tax-xoghol kien hemm madwar mitejn ewro (€200)*". Dan l-ammont, ighid l-intimat, kien jirrifletti l-involviment ta' tnejn minn nies. L-intimat qal li huwa qabad mitejn ewro (€200) fi flus kontanti u ghaddiehom lill-intimata sabiex taghtihom lir-rkorrenti Kevin Vella. L-intimat cahad li x-xoghol fil-garaxx u l-flat tlestew f'Novembru tal-2011 kif xehed ir-rikorrenti.

L-intimat qal li huwa qatt ma irċieva kont minghand ir-rikorrenti hlief dak li hemm esebit fil-process u dan wara li kien iffirma l-kuntratt ma' l-intimata. Meta r-rikorrenti kien cempillu u qallu li huwa ried jithallas ta' xogholu, l-intimat infurmah li huwa kien ghadda s-somma ta' €200 lill-intimata sabiex hi tghaddihom lilu. Ir-rikorrenti qallu li ma kien jaf b'xejn minn dan kollu u li l-intimata ma kienet ghaddietlu l-ebda flejjes. Kien ghalhekk li l-intimat qallu li huwa ma kellhu jaghtih xejn. Dwar il-kont esebit a fol. 44 tal-process, l-intimat stqarr li dan l-ammont huwa eccessiv. Meta gie muri d-dokument immarkat bhala dok. KV 2 li hija l-applikazzjoni ghas-servizz ġdid tal-elettriku, l-intimat qal li huwa qatt ma kien rah dan id-dokument u żied ighid li mhux minnu illi r-rikorrenti fl-1 ta' Awwissu elfejn u hdax (2011) mela u iffirma din l-applikazzjoni. Dan peress li fl-24 ta' Awwissu, 2012 huwa kien irċieva kont fuq dan l-appartament, liema kont kien hareg fuq isem l-intimata Jeanette Camilleri. Huwa kien ghadda flus kontanti sabiex japplika ghal dawn l-arloggi.

In kontro-ezami, huwa qal li l-wire tas-6mm kien tar-rikorrenti u dan peress li l-istess rikorrenti kien qallu li "*ma kienx hemm ghalfejn nixtri romblu shih ghax hu kellu d-*

*dar*". Mistoqsi minn kien ha hsieb it-tqassim tad-dawl u l-ilma li kellu jsir fil-flat u fil-garaxx, l-intimat qal li dan kien sar minnu u mill-intimata xi ftit granet qabel ma morru jixtru l-affarijiet. Ghar-rigward imbaghad ta' l-ammont tal-*points* dawn kien jiehu hsiebhom ir-rikorrenti.

L-intimat qal li meta intemmet ir-relazzjoni bejnu u bejn l-intimata d-dawl ta-flat ma kienx ghadu lest filwaqt li d-dawl tal-garaxx kien lest. It-tqattiegh tat-trinek u fejn kellhom jiġi ha hsiebhom kollha l-intimat u missier l-intimata. Zied ighid li fil-kuntratt li hemm esebit a fol 15 et seq tal-process din il-kwistjoni tad-dawl ma hijiex imsemmija. Qal li "*jien meta kont tajtha dawk il-mitejn ewro lill-intimata biex taghtihom lir-rikorrenti fhimt illi l-kwistjoni kienet waqfet hemm u allura ma kienx hemm x'nifthemu meta ghamilna l-kuntratt li hemm a fol 14 tal-process*". Mistoqsi jekk huwa ghandux riċevuta tal-€200 li huwa kien ghadda lill-intimata, l-intimat wieġeb fin-negattiv u qal li huwa dak iz-zmien ma kellhux ghalfejn jitlob riċevuta minghandha ghax kien jafdaha.

Ikkunsidra ulterjorment

6. L-ewwel eċċezzjoni tal-intimata hija li din il-kawza hija ntempestiva fil-konfront taghha u dan peress li hi ma kellha l-ebda konoxxenza tal-kontijiet li kien baghat ir-rikorrenti lill-intimat. Issostni fit-tieni eċċezzjoni taghha li l-ittra uffiċjali ta' April, 2013 intbaghtet lill-intimat biss u mhux lilha ukoll. It-Tribunal ra l-ittra uffiċjali numru 43/13 pprezentata fit-12 ta' April, 2013 u jaqbel li din ġiet intavolata kontra l-intimat biss. Pero t-Tribunal ma jaqbilx mal-intimata meta din tghid li l-azzjoni odjerna hija ntempestiva. L-intimata kienet taf li saru x-xogholijiet mir-rikorrenti fil-proprjeta li hija kellha mal-intimat l-iehor u allura kienet taf li llum jew ghada hi kien ser ikollha tiffaċċja dan il-kont. Fuq bażi ta' probabilita t-Tribunal huwa tal-fehma li r-rikorrenti qabel ma' fetah dawn il-proceduri kien infurmaha ukoll li huwa kien ser jaghmel l-istess anke 'l ghaliex ir-rikorrenti huwa miżżewweġ lill-ohtha. Ghalhekk dawn iz-zewg eccezzjonijiet qeghdin jiġu michuda.

7. L-intimat jecepixxi li l-azzjoni odjerna hija perenta fil-konfront tieghu u dan a tenur ta' l-artikolu 2148(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jaqra hekk:

"*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar: (a) l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara u ta'persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu*";

8. Jibda biex jinghad li r-regoli tal-preskrizzjoni minhabba n-natura taghhom u l-effett li jgibu maghhom fuq l-azzjoni attrici, ghandhom jinghataw tifsira ristretta u ma jitwessghux b'analogija jew implikazzjoni[1]. Ghalhekk, jekk ikun jezisti xi dubju dwar l-applikabilita taz-zmien preskrittiv minn dak li jirrizulta mill-atti, tali dubju ghandu jmur kontra l-eccipjenti. Dan ma jfisser bl-ebda mod li l-attur huwa mehlus milli jressaq provi konvincenti fl-istadju tal-provi fil-mertu, biex isejjes l-allegazzjonijiet tieghu;

9. Imbaghad, f'kaz fejn iz-zmien jigi ppruvat, il-piz tal-prova li dak iz-zmien gie miksur jaqa fuq il-parti attrici[2].

10. It-Tribunal ma jistax ma jikkunsidrax flimkien ma din l-eccezzjoni r-raba eċċezzjoni ta' l-intimat li tghid:

*"iv. Illi minghajr preġudizzju ghal premess l-esponenti qieghed jafferma li l-ebda ammont ma huwa dovut u fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub huwa esaġerat. Biss biss il-materjal xtrah kollu l-konvenut u l-attur dam biss jumejn jahdem fil-proprjeta tal-konvenuti*".

11. Fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Jannar, 1998 bl-ismijiet **Antonia Attard Gialanze vs Emanuel u Doris Rizzo** – fejn l-eccezzjoni f'dik il-kawza kienet "*sussidjarjament u bla*

---

[1] Ara **Noel Ellul noe vs Francis Vella noe** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-8 ta' Mejju, 2001;

[2] Ara **Micallef vs Belle McCance** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Mejju, 1952 u **Emanuel Pace vs Fredu Fenech**, deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Kummercjali) fl-20 ta' Marzu, 1978

*pregudizzju fi kwalunkwe kaz, l-ammont mitlub huwa ezagerat*" – l-istess Qorti kkunsidrat li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni segwita b'eccezzjoni fejn qed jigi kkontestat il-quantum tal-ammont mitlub, bhala insostenibbli fil-ligi. Dik l-Onorabbli Qorti qalet illi "... *l-insenjament li hareg kien dejjem fis-sens li, salv xi sfumaturi partikolari minn kaz ghal iehor, id-debitur illi ammetta li ghandu jghati lill-attur, imma biss ma jirrikonoxxix bhala ezata s-somma pretiza, jigi li jirrinunzja tacitament ghal preskrizzjoni*".

12. Dik l-istess Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) kompliet tghid hekk:

"*Illi minn ezami ta' l-eccezzjonijiet issollevati mill-konvenuti (fol. 5 tal-process), il-konvenuti appellati cahdu dejnhom <u>biss</u> in vista tal-preskrizzjoni ghaliex in subsidium, ankorke bla pregudizzju, eccepew ukoll li:*

*'fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub huwa esagerat';*

*Dan jimplika li <u>fil-meritu</u> huma kkontestaw il-quantum se mai dovut. L-awtorevoli Troplong (ara prescrizione no. 67, Aubry et Rau VIII para. 776) jghallem hekk:*

*'Vi ha rununzia tacita all prescrizione quando il debitore, sena negare di essere tale, si limita a discutere ed impugnare l'ammontare dovuto, e l'espressione usata dimostra che egli ammetteva di essere debitore verso l'attore ma non riconosceva essere esatta la somma'*

*L-Ewwel Qorti semmiet il-fatt li provi li jistghu jwaqqghu l-perkors tal-preskrizzjoni ma ngibux quddiemha imma hu stabbilit u notorju l-fatt li meta d-debitur jallega li huwa m'ghandux jaghti daqskemm il-kreditur jippretendi minghandu, ikun ifisser li huwa rrinunzja tacitament ghall-preskrizzjoni (hekk ara l-Appell Civili,* ***G. Demarco vs G. Aquilina****, ta' l-10 ta' Gunju, 1946). Allura u konsegwentement ikun ifisser illi:*

*'la detta prescrizione opposta dal convenuto deve ritenersi inefficace altese la rinuncia fattavi (ara decizjoni tal-prim'*

*Awla fil-kawza* ***Carbun vs Bezzina*** *tad-29 ta' Jannar, 1897);*

*Fi kliem iehor, ir-rinunzja f'dan il-kaz tista tkun espressa jew tacita u r-rinunzja minn fatt li jissuponi l-abbandun tal-jedd akkwistat (ara d-decizjoni in re* ***Borg vs Testaferrata Bonnici*** *moghtija fl-24 ta' Marzu, 1958);*

13. Issa fil-kaz odjern, l-intimat beda r-raba' eccezzjoni tieghu bil-kliem "*Illi <u>minghajr pregudizzju ghas-suespost</u>*". Dwar dan il-punt, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza citata hawn fuq **Attard Gialanze vs Rizzo et** kompliet tghid hekk:

*"Dwar is-sottomissjoni ta' l-appellati li t-tieni eccezzjoni taghhom saret bla pregudizzju, anke hawn hemm insenjament car u cjoe illi, (ara ukoll fost ohrajn id-decizjoni* ***Felice Fenech vs Carmelo Bellia*** *tad-29 ta' Jannar, 1960, moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili);*

*'... xejn ma jiswa illi l-kompensazzjoni opponiha in subordine bla pregudizzju ta' l-eccepita preskrizzjoni in vista tal-principju protestatis contra factum non relevat u bil-fatt tieghu stess il-konvenut gie rrinunzja ghall-preskrizzjoni ...'"*

14. Ghalhekk, u ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mill-intimat ma tistax tintlaqa u konsegwentement sejra tigi michuda.

15. Spjanati dawn il-punti preliminari, nghaddu issa biex nezaminaw il-mertu ta' dan il-kaz. F'materja ta' provi, l-apprezzament taghhom, il-piz li ghandhom jinghataw ċertu provi u liema ghandhom jiġu skartati jew eliminati nsibu li fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia** deciza fl-24 ta' Novembru, 1966 l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili qalet li:

"*Illi huwa veru li hemm konflitt kbir bejn il-verzjoni ta' l-attur u dik tal-konvenut, izda mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita li minhabba fih ma tkunx tista tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u*

*jkollha taqa fuq ir-regola ta' l-'in dubio pro reo'. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa soggett ghal l-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha, imma meta dan il-konflitt ma jkunx gej minn semplici differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu certu grad ta' tolleranza u li ghalihom sewwa inghad li "tot homines tot sententiae", u lanqas ma jkun gej minn verzjonijiet differenti 'bona fidcidenti li jigru u jintemmu malajr u ghalarrieda, e.g. identita, velocita ta' vejikoli, u cirkostanzi ohra subitanei li fuqhom, skond l-esperjenza komuni, s-sensi jistghu jitqarqu, imma ghal kuntrarju dan il-konflitt jkun jirrigwarda fatti u abitudnijiet li jkunu setghu gew osservati f'perjodu twil ta' snin, bhal f'dan il-kaz, allura jsir car li xi wiehed mill-kontendenti jkun halla l-interess u l-passjoni jelbuh u b'hekk jabbuza mill-process tal-gustizzja. Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandix taqa comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-ikbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq bilanc tal-probabilita u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant, eccezzjoni ta' xi kazijiet gravi li m'ghandhomx rassomiljanza mal-kaz prezenti. Anke f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti*[3]"

16. Il-Qorti, fl-istess sentenza kompliet tghid li:

"*il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant*" u "*fil-kamp civili ghal dak*

[3] Ara ukoll f'dan is-sens **George Bugeja vs Joseph Meilak**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru, 2033 per Onor. Imhallef Dr. Tonio Mallia u **Gerald Desira et vs Joseph Barbara** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-9 ta' April, 2010 per Imhallef Dr. Ph. Sciberras.

*li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli*"[4].

17. Inghad ukoll mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Maria Xuereb vs Clement Gauci et** deciza fl-24 ta' Marzu 2004 li:

"*Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

*1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*

2. *Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur*"

18. Inghad ukoll mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** deciza fit-12 ta' April, 2007 illi in materja ta' provi r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:

(1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova tal-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti

[4] ara wkoll – **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta` April 2003 per Imhallef Ph. Sciberras u ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Gunju, 2006 u **Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta vs Francis Difesa** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit- fit-28 ta' Mejju 2003 per Imhallef Ph. Sciberras;

favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sia fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor)[5].

(2) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta'[6].

(3) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat;

(4) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni[7].

19. Jirrizulta li fis-26 ta' Frar, 2013, l-l-intimata ttrasferit sehemha mill-fond flat u garaxx li jinsabu ġewwa Triq Ghajn Mhelhel, Zebbug Ghawdex u dan skond ma

---

[5] Ara Kollez. Vol. XLVI.I.5;

[6] Ara Kollez. Vol. XXXVII.I.577;
[7] Ara Kollez. Vol. XXIV.I.104;

jirrizulta mill-kuntratt fl-atti tan-Nutar Joanne Cauchi a fol. 14 et seq. Dak-in-nhar stess, l-istess intimati, fil-presenza tad-difensuri taghhom iffirmaw skrittura privata. Skond ma jirrizulta minn din l-iskrittura, "*Il-partijiet jiddikjaraw illi wara li thallsu dawn l-ammonti u wara li gie iffirmat bejniethom illum stess il-kuntratt ta' bejgh da parti ta' Janette Camilleri lil Kevin Camilleri ta' sehemha minn flat u garage fi triq Ghajn Mhelel, Zebbug, Ghawdex, huma ma fadlilhom l-ebda pretensjonijiet ta' kwalunkwe xorta, indoli jew natura kontra xulxin, u jiddikjaraw rwiehom pjenament sodisfatti*" (fol. 23).

20. Gara li fit-12 ta' April, 2013 giet spedita ittra uffiċjali kontra l-intimat Kevin Camilleri mir-rikorrenti fejn dan ta' l-ahhar talab lil ta' l-ewwel sabiex ihallsu "*... s-somma ta' hames mija u sebgha u hamsin ewro (€557) dovuti lilu ghal xoghol ta' stallazzjoni ta' elettriku go fond tieghek fi triq Ghajn Mhelel, Zebbug, Ghawdex, konsistenti fi flat u garaxx*". Huwa gie mitlub ukoll sabiex ihallas l-imghaxijiet mid-data tat-tlestija cioe Novembru, 2011. Ma dik l-ittra ma ġietx spedita ukoll il-fattura li hemm fil-process a fol. 56 li ġġib id-data tal-15 ta' Jannar, 2012. Ir-rikorrenti waqt id-deposizzjoni tieghu wera xi messaġġi (sms) lit-Tribunal fejn huwa kien talab lill-intimat sabiex ikellmu. Dawn il-messaggi intbaghtu f'April 2013 (ara fol. 50). Ir-risposti ghal dawn l-sms's kienu li l-intimat kien imhabbat u li kien ser ikellmu. Kompla jghid ir-rikorrenti li "*sussegwentement meta baqa ma kkomunikax mieghi u jien ċemplitlu u ghidtlu jekk trid tkompli l-post komplih però jekk mhux ser inkomplih jien nitolbok thallas dak li hu dovut lili*" (fol. 50). Meta l-hlas baqa ma sarx, baghtlu l-imsemmija ittra uffiċjali. Dan huwa ikkorraborat mill-intimat stess meta waqt id-deposizzjoni tieghu qal li "*l-uniku darba li kkuntattjani r-rikorrenti kien f'April tal-2013, wara li kien sar il-kuntratt bejni u bejn Jeanette, u fejn jien imbaghad xtrajt il-post kollu*" (fol. 77).

21. L-intimata fid-deposizzjoni taghha qalet li "*... meta jien u l-intimat l-iehor ġejna biex naqsmu dak li kellna komuni bejnietna l-kont tad-dawl tar-rikorrenti ma semmejniehx*" (fol. 54). Stqarret li qatt ma rċevew kopja tal-kont tar-rikorrenti u li "*... kieku kont naf b'dan il-kont*

*kont niftiehem fl-iskrittura li hemm esebita a fol. 22 tal-process*" (fol. 54) u "*... kieku kien issemmgha dak l-ammont kien jiġi inkluz*" (fol. 54). L-intimat da parti tieghu stqarr li huwa qatt ma rċieva kont minghand ir-rikorrenti u li l-kwistjoni tad-dawl qatt ma semmiet fil-kuntratt ta' trasferiment li kien sar bejnu u bejn l-intimata.

22. Jirrizulta ghas-sodisfazzjoni tat-Tribunal li l-intimati qatt ma kienu tkellmu u ftehmu dwar il-kont pendenti tar-rikorrenti meta huma iffirmaw il-kuntratt ta' trasferiment u sussegwentement l-iskrittura privata. L-intimata stqarret li hija ma ghandha taghti "*... l-ebda ammont ghal xoghol li ghamel ir-rikorrenti peress li mhux se ngawdi minnu*" (fol. 54). It-Tribunal jirrileva però li x-xoghol sar u li solitament, fil-prezz tal-bejgh tal-proprjeta ikun ittiehed in konsiderazzjoni spejjez li jkunu intefqu ghar-rigward ta' ċertu affarijiet bhal ma huma d-dawl u l-ilma. Ghalhekk ma tistax issa l-intimata tghid li hija mhux ser tiggwadanja minnu, l-ghaliex meta hija ġiet biex ittrasferiet sehemha mill-proprjeta lill-intimat, il-fatt li kien hemm parti mill-proprjeta li diġà kellha s-sistema tad-dawl, żgur li ittiehed in konsiderazzjoni meta gie iffissat il-prezz li hija kellha tiehu bhala sehemha. Ghalhekk, u anke a bażi ta' ekwita, l-ammont dovut ghandhu jiġi diviż b'mod ugwali bejn il-partijiet. In vista ta' dak li ghadu kif inghad, it-Tribunal qieghed jichad ukoll dik l-eccezzjoni ta' l-intimata li tghid li hija ghandha tiġi mehlusa mill-osservanza tal-gudizzju.

23. L-intimat qal ukoll li huwa kien ta' mitejn ewro (€200) lill-intimata "*... sabiex taghtihom lir-rikorrenti Kevin Vella. X'ghamlet u x'ghamlitx Jeanette Camilleri jiena ma nafx*" (fol. 78). In kontro-ezami huwa gie mistoqsi jekk kellhux riċevuta ta' dawn il-€200 u huwa wieġeb li ma kellhux u li kien taghhom lill-intimata waqt li dawn kienu flimkien. It-Tribunal ma ghandux ghalfejn jiddubita minn din id-dikjarazzjoni tal-intimat. Ma jaghmilx sens li koppja, waqt li kollox ikun sew bejniethom, joqghodu jitolbu riċevuta lil xulxin tal-flejjes li jkunu ghaddew lil xulxin ghal xi pagamenti li jkunu qeghdin jaghmlu ghar-rigward tal-proprjeta taghhom. Ghalhekk minn kull ammont talvolta dovut lir-rikorrenti, minn sehem l-intimat ghandu jonqos dan l-ammont. Din l-istqarrija tal-intimat, li del resto kienet

anke tinsab fir-risposta tieghu ghal din it-talba qatt ma ġiet michuda mill-intimata. Kull ma' gie mistoqsi lilu kien jekk huwa kellhux riċevuta. It-Tribunal diġà ppronunzja ruhhu dwar dan il-punt.

24. Ghar-rigward tal-ammont reklamat, l-intimat jghid li dan huwa esaġerat tenut kont tal-fatt li hafna mix-xoghol kien sar minn missier l-intimata, minn huh u minnu stess. In sostenn ta' dan, l-intimat qal li huwa kien ha fl-appartament u fil-garaxx de quo lil Sammy Camilleri, li kien il-persuna li oriġinarjament kien ser jiġi inqaggat mill-intimat sabiex jaghmel ix-xoghol ta' l-elettriku u li dan Sammy Camilleri kien qallu li "*... presso o poco bhala valur tax-xoghol kien hemm madwar mitejn ewro (€200)*" (fol. 77) u li "*dan l-ammont kien jirrifletti l-involviment ta' tnejn minn nies*" (fol. 77). Irrizulta ukoll li hafna mix-xogholijiet ta' tqattiegh sar mill-intimat u minn missier l-intimata, filwaqt li hu l-intimat kien jghin ukoll lir-rikorrenti. L-intimat qal ukoll li l-marki fejn tqattaw it-trinek saru minnu u minn missier l-intimata. Dan il-fatt baqa ma ġie kontradett minn hadd. It-Tribunal eżamina t-*time sheet* esebita mir-rikorrenti a fol. 57 tal-process u in vista ta' dak li ghadu kif appena inghad, sejjer inehhi €16.50 mill-kont tar-rikorrenti u dan peress li dan l-ammont inżamm ghal "*marking flat on site for trenching*". Minn din it-*time sheet* jirrizulta ukoll li r-rikorrenti żamm €16.50 talli mar jixtri l-materjal minghand Francis Caruana Ltd. Dan l-ammont sejjer jitnehha ukoll u dan anke l-ghaliex ma hijiex prattika li *electricians* joqghodu jżommu lill-klijenti taghhom flejjes talli marru jixtru l-affarijiet li kienu ser jużaw fl-installazzjonijiet taghhom. Dwar id-disinji fuq l-auto cad, l-intimat qal li huwa qatt ma rahom u li huwa kien jghid lir-rikorrenti l-uzu ta' kamra partikolari u li dan imbaghad kien jiehu hsieb iqassam hu l-affarijiet f'dik il-kamra. Anke l-intimata qalet li "*meta tkellimna fuq il-hlasijiet jien kont preżenti u dawn kellhom ikunu normali bhal tal-electricians*" (fol. 54). It-Tribunal sejjer ukoll inehhi l-ammont reklamat f'dan ir-rigward u cioe l-ammont ta' €17 mill-kont. Ghal kumplament, it-Tribunal ma jsib xejn x'jiccensura mill-istess kont. B'hekk mill-ammont ta' €557 li qieghed jitlob ir-rikorrenti ghandu jitnaqqas l-ammont ta'

€50 u ghalhekk l-ammont dovut mill-intimati lir-rikorrenti huwa ta' €507.

25. Jifdal x'jigi deċiż kif ser jiġi spartit dan l-ammont bejn l-intimati. Diga rajna li dan l-ammont ghandu jiġi diviż b'mod ugwali bejn l-intimati, b'dan illi l-intimata ghandha thallas l-ammont ta' €200 aktar mill-intimat peress li huwa kien ghaddielha dawn il-flejjes sabiex hi tghaddiehom lir-rikorrenti. B'hekk l-intimat ghandu jhallas lir-rikorrenti s-somma ta' €53.50[8], filwaqt li l-intimata ghandha thallas lir-rikorrenti s-somma ta' €453.50c[9].

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi:

i. Jichad l-eccezzjoni tal-intimata fejn hija talbet li tiġi mehlusa mill-osservanza tal-gudizzju;

ii. Jichad l-eccezzjoni tal-intimat fejn huwa qal li l-azzjoni odjerna hija perenta a tenur ta' l-artikolu 2148 (a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

iii. Jichad il-kumplament ta' l-eccezzjonijiet ta' l-intimata u ta' l-intimat kull fejn dawn huma b'xi mod inkompatibbli ma dak hawn fuq deċiż; u

iv. konsegwentement jghaddi biex jilqa t-talba tar-rikorrenti limitatament fl-ammont ta' hames mija u seba' euro (€507) u jikkundanna lill-intimata Jeanette Camilleri thallas lir-rikorrenti l-ammont ta' erba' mija tlieta u hamsin euro u hamsin ċenteżmu (€453.50) filwaqt li l-intimat Kevin Camilleri qieghed jiġi kkundannat ihallas lir-rikorrenti l-bilanc u cioe l-ammont ta' tlieta u hamsin euro u hamsin ċenteżmu (€53.50). L-imghaxijiet jibdew jidekorru mil-lum.

[8] €507 / 2 = €253.50c. Minn dan l-ammont irid jitnehha l-ammont ta' €200 li l-intimat kien ghadda lill-intimata biex b'hekk jiġi l-ammont ta' €53.50 (€253.50c - €200).

[9] €507 / 2 = €253.50c. Ma dan l-ammont gahndu jiżdied l-ammont ta' €200 li l-intimat kien ghadda lill-intimata biex b'hekk jiġi l-ammont ta' €453.50 (€253.50c + €200).

L-ispejjez, ghandhom jiġu sopportati in kwantu ghal żewġ terzi mill-intimata Jeanette Camilleri u in kwantu ghar-rimanenti terz mill-intimat Kevin Camilleri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------